KONKLUŻJONIJIET TA' L-AVUKAT ĠENERALI MENGOZZI
ippreżentati fil-15 ta' Frar 2007 [1]

I — Introduzzjoni

1. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja hija msejħa tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 259/93, ta' l-1 ta' Frar 1993, dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' vjaġġi bil-baħar ta' skart fi, għal u mill-Komunità Ewropea [2] (iktar 'il quddiem ir-"Regolament") rigward ċerti kategoriji ta' skart li jinsabu fl-Anness II tar-Regolament. B'mod partikolari, il-qorti tar-rinviju titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tistabbilixxi jekk jeżistux obbligi ta' notifika fil-każ ta' esportazzjoni, għal skopijiet ta' rkupru, ta' skart li jikkonsisti f'taħlita ta' żewġ sustanzi differenti, li mhijiex imsemmija bħala tali fl-Anness II tar-Regolament iżda li kull wieħed mis-sustanzi kostitwenti tagħha huma inklużi fl-imsemmi anness.

1 — Lingwa oriġinali: it-Taljan.

2 — ĠU L 30, p. 1, fil-verżjoni applikabbli, kif ġie emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2557/2001, tat-28 ta' Diċembru 2001 (ĠU L 349, p. 1), u sussegwentement ġie abrogat permezz tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjaġġi ta' skart (ĠU L 190, p. 1).

II — Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt Komunitarju rilevanti

2. Ir-Regolament in kwistjoni ġie adottat sabiex tiġi stabbilita sistema ta' sorveljanza u ta' kontroll ta' vjaġġi bil-baħar ta' skart fi, għal u mill-Komunità Ewropea, f'dak li jirrigwarda kemm l-Istati Membri tal-Komunità kif ukoll il-pajjiżi terzi, sabiex tiġi miżmuma, imħarsa u mtejba l-kwalità ta' l-ambjent, b'mod partikolari fid-dawl ta' l-impenji assunti mill-Komunità fil-Konvenzjoni ta' Basilea u d-Deċiżjoni ta' l-OECD tat-30 ta' Marzu 1992 [3] (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni OECD").

3 — Deċiżjoni C(92)39 dwar il-kontroll tal-movimenti transkonfini ta' skart intiż għal operazzjonijiet ta' rkupru.

3. Il-premessi tar-Regolament li huma rilevanti għall-finijiet ta' din il-kawża huma dawn li ġejjin:

"Billi l-Komunità iffirmat il-Konvenzjoni ta' Basilea tat-22 ta' Marzu 1989 dwar il-kontroll ta' ċaqliq bejn il-fruntieri ta' skart perikoluż u r-rimi tiegħu;

[...]

Billi l-Komunità kienet approvat id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-OECD tat-30 ta' Marzu 1992 dwar il-kontroll ta' ċaqliq bejn il-fruntieri ta' skart li jkun iddestinat għal ħidma ta' rkupru;

[...]

Billi huwa importanti li tkun organizzata s-superviżjoni u l-kontroll ta' vjaġġi bil-baħar ta' skart b'tali mod li tiġi kkunsidrata l-ħtieġa li tkun preservata, mħarsa u mtejba l-kwalità ta' l-ambjent;

[...]

Billi huwa meħtieġ li jkunu applikati proċeduri differenti li jiddependu mit-tip ta' l-iskart u d-destinazzjoni tiegħu, inkluż jekk dan ikunx destinat għal rimi jew irkupru;

[...]

Billi l-esportazzjoni ta' skart għal irkupru lejn pajjiżi li dwarhom id-Deċiżjoni tal-OECD ma hiex applikabbli irid ikun suġġett għal kondizzjonijiet li jipprovdu għal amministrazzjoni ambjentali soda dwar l-iskart;

[...]

Billi vjaġġi bil-baħar ta' skart għal irkupru li huwa mniżżel fil-lista ħadra tad-Deċiżjoni tal-OECD għandu jkun ġeneralment eskluż mill-proċeduri ta' kontroll ta' dan ir-Regolament ladarba skart bħal dak m'għandux normalment joħloq xi riskju għall-ambjent jekk ikun irkuprat kif xieraq fil-pajjiż tad-destinazzjoni;[...]".

4. Il-proċeduri stabbiliti permezz tar-Regolament dwar il-vjaġġi bil-baħar ta' skart fi, għal u mill-Komunità huma distinti essenzjalment fuq il-bażi ta' tliet kriterji, jiġifieri t-tip ta' skart, jekk huwiex intiż għal irkupru jew għal rimi skond il-klassifikazzjoni ta' dawn l-operazzjonijiet magħmula mid-Direttiva 75/442/KEE tal-15 ta' Lulju 1975 dwar l-iskart [4], u skond il-pajjiż ta' destinazzjoni. B'mod ġenerali u bla ħsara għal ċerti eċċezzjonijiet, fosthom il-każ tat-trasport ta' skart li huwa mniżżel fil-lista l-ħadra, hija meħtieġa notifika minn qabel għal kull tip ta' vjaġġ bil-baħar.

5. B'referenza għall-ewwel kriterju, ir-Regolament jipprovdi klassifikazzjoni ta' l-iskart fi tliet listi: "lista ħadra ta' skart" (Anness II), "lista ambra ta' skart" (Anness III), "lista ħamra ta' skart" (Anness IV), (iktar 'il quddiem, rispettivament, "il-lista ħadra", "il-lista ambra" u "il-lista ħamra", jew "Anness II", "Anness III" u "Anness IV").

6. Skond l-erbatax-il premessa ċċitata iktar 'il fuq, huwa meqjus li s-sustanzi li jinsabu fil-lista l-ħadra ma joħolqux riskju għall-ambjent jekk jiġu rkuprati kif xieraq u l-vjaġġ bil-baħar ta' dawn il-materjali huwa għal-daqstant ġeneralment esklużmill-obbligu ta' notifika jekk huma intiżi għal irkupru fi Stat Membru ieħor.

7. L-Artikolu 1 tar-Regolament jipprovdi kif ġej:

"[...]

3. (a) Vjaġġi bil-baħar ta' skart iddestinati għal irkupru biss u mniżż[la] fl-Anness II għand[hom] wkoll ikunu esklu ż[i] mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ħlief kif hemm ipprovdut dwar dan fis-sub-paragrafi (b), (ċ), (d) u (e), fl-Artikolu 11 u fl-Artikolu 17(1), (2) u (3).

b) Skart bħal dan għandu jkun suġġett għad-dispożizzjonijiet kollha tad-Direttiva 75/442/KEE. [...]

[...]"

8. Rigward il-vjaġġi bil-baħar ta' skart fil-lista l-ħadra li huwa intiż għal irkupru fiċ-Ċina, u li mhuwiex suġġett għad-Deċiżjoni ta' l-OECD, mill-Anness D tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1547/1999 tat-12 ta' Lulju 1999 [5], fil-verżjoni fis-seħħ fiż-żmien tal-fatti li taw lok għall-kawża prinċipali, jirriżulta li mhijiex meħtieġa notifika minn qabel minn dan il-pajjiż għat-trasport ta' ċerti kategoriji

4 — ĠU L 194, p. 39, fil-verżjoni applikabbli għall-każ in kwistjoni, kif emendata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/350/KE, ta' l-24 ta' Mejju 1996 (ĠU L 135, p. 32), u li issa hija kkonsolidata permezz tad-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' April 2006, dwar l-iskart (ĠU L 114, p. 9).

5 — Regolament li jistabbilixxi l-proċeduri ta' kontroll, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 259/93, applikabbli għall-vjaġġi bil-baħar ta' ċertu tip ta' skart lejn ċerti pajjiżi li mhumiex suġġetti għad-Deċiżjoni ta' l-OECD C(92)39 Finali, ĠU L 185, p. 1.

ta' "skart aħdar", fosthom is-sustanzi mniżżla taħt l-intestaturi GA 120 7404 00, GC 020 u GH, iżda li għandha ssir spezzjoni mill-CCIC (China National Import and Export Commodities Inspection Corporation) qabel il-vjaġġ bil-baħar.

9. Rigward il-klassifikazzjoni ta' l-iskart, infakkar li kull lista hija suddiviża f'intestaturi mniżżla f'ordni alfabetiku (bħal, per eżempju, l-intestatura GH, iċċitata iktar 'il fuq, li tinkludi l-iskart ta' plastik solidu), li huma, min-naħa tagħhom, suddiviżi f'subintestaturi iktar speċifiċi mniżżla f'ordni numeriku [6].

10. Fir-rigward ta' l-iskart diskuss fil-każ in kwistjoni, l-intestaturi rilevanti huma "GA 120 7404 00 Skart u fdalijiet tar-ram", "GH 013 (li qabel kienet 3915 30) Ta' polimers tal-klorur tal-vinil", l-intestatura ġenerali "GC (Skart ieħor li jkun fih metalli)", u s-subintestaturi tagħha "GC 010 Skart ta' tagħmir elettriku u fdalijiet elettroniċi li jikkonsistu biss minn metalli jew ligi", u "GC 020 Fdalijiet elettroniċi (per eżempju bords taċ-ċirkwiti stampati, komponenti elettroniċi, wajers, eċċ.) u komponenti elettroniċi rkuprati li huma adattati għall-irkupru ta' metalli komuni u prezzjużi".

11. Il-preambolu tal-lista l-ħadra, introdott permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/721/KE, tal-21 ta' Ottubru 1994, li tadatta, b'mod konformi ma' l-Artikolu 42 (3), l-Annessi II, III u IV tar-Regolament [7], jipprovdi li:

"Indipendentament mill-inklużjoni tagħhom f'din il-lista, l-iskart ma jistax jiġi trasferit bħala skart suġġett għall-kontrolli tal-lista ħadra jekk jirriżulta li jkun ikkontaminat minn sustanzi oħra b'mod li a) il-perikli relatati ma' l-iskart jiżdiedu tant li jiġġustifikaw l-inklużjoni tagħhom fil-lista ambra jew ħamra, jew b) ma jkunx possibbli li dan l-iskart ikun irkuprat b'mod ekoloġikament razzjonali". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

12. Rigward l-iskart li mhux inkluż fil-listi fl-Annessi II, III u IV tar-Regolament l-Artikolu 17(8) jipprovdi:

6 — Infakkar ukoll li l-ittra G fil-kategoriji ċċitati iktar 'il fuq tindika li huma inklużi fil-lista l-ħadra fl-Anness II tar-Regolament, l-ħekk imsejħa "Lista Ħadra".

7 — ĠU L 288, p. 36.

"Meta l-iskart għal irkupru mniżżel fl-Anness III u IV u skart għal irkupru li jkun għandu ma ġiex assenjat lill-Annessi II, III jew IV jkun esportat lil u ġewwa pajjiżi li dwarhom id-Deċiżjoni tal-OECD ma tkunx tapplika:

— L-Artikolu 15, ħlief għall-paragrafu 3, għandu jkun applikabbli b'analoġija;

— oġġezzjonijiet raġjonevoli jistgħu jitqajmu skond l-Artikolu 7(4) biss.

ħlief fejn hemm provdut mod ieħor fi ftehim bilaterali jew multilaterali li jkun sar skond l-Artikolu 16(1)(b) u fuq il-bażi ta' proċedura ta' kontroll jew tal-paragrafu 4 jew 6 ta' dan l-Artikolu jew ta' l-Artikolu 15."

13. L-Artikolu 15 tar-Regolament jistabbilixxi proċedura ta' notifika u awtorizzazzjoni minn qabel applikabbli għal skart imniżżel fil-lista l-ħamra.

14. Fl-aħħar nett, għandu jiġi osservat li skond l-Artikolu 26 tar-Regolament:

"1. Kull konsenja ta' skart magħmula:

(a) mingħajr notifika lill-awtoritajiet kompetenti konċernati kollha bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament; jew

(b) mingħajr il-kunsens ta' l-awtoritajiet kompetenti konċernati kollha bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament; [...]

għandhom ikunu meqjusa bħala traffiku illegali.

2. Jekk traffiku illegali bħal dan ikun irresponsabbiltà tan-notifikatur ta' l-iskart, l-awtorità kompetenti tat-tluq għandha tassigura li l-iskart f'dak il-każ ikun:

a) meħud lura min-notifikatur jew, jekk meħtieġ, mill-awtorità kompetenti nnifisha, lejn l-Istat tat-tluq, jew jekk imprattikabbli;

b) mormi b'mod ieħor jew irkuprat b'mod ambjentali tajjeb, fi żmien 30 jum minn meta l-awtorità kompetenti tkun ġiet infurmata dwar it-traffiku illegali jew fi żmien perijodu ieħor skond kif jista' jkun miftiehem mill-awtorità kompetenti konċernata.

F'dan il-każ notifika oħra għandha ssir. L-ebda Stat Membru tat-tluq jew Stat Membru tat-tranżitu m'għandu jopponi r-ritorn ta' dan l-iskart wara talba motivata kif xieraq mill-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni u bi spjegazzjoni tar-raġunijiet."

III — Il-fatti u d-domandi preliminari

15. Mid-deċiżjoni tal-qorti tar-rinviju jirriżulta li, f'Marzu 2004 Omni Metal Service (iktar 'il quddiem: "OMS"), kumpannija stabbilita fi Franza, biegħet kunsinna ta' fdalijiet ta' kejbils lil impriża Ċiniża li hija parti minn grupp Awstraljan ta' kumpanniji li jispeċjalizza fir-riċiklaġġ tal-metalli.

16. OMS bagħtet bil-baħar il-fdalijiet in kwistjoni minn Bilbao, fi Spanja, bi tranżitu mill-Olanda, lejn iċ-Ċina. Dan il-vjaġġ bil-baħar kien ġie awtorizzat minn qabel mill-awtoritajiet Ċiniżi wara spezzjoni miċ-China Commodities Inspection Corporation, iżda l-awtoritajiet kompetenti Olandiżi ma kinux ġew notifikati.

17. Wara spezzjoni mill-awtoritajiet taddwana Olandiżi, irriżulta li l-kejbils li ġew ittrasportati, li huma kklassifikati fid-dokumenti li jiġu magħhom bħala "elettriċi", kienu jikkonsistu f'nukleju tar-ram miksi bil-pvc b'dijametri varji b'wiesgħa massimu ta' 15-il ċentimetru. L-awtoritajiet Olandiżi, peress li qiesu li l-kompożizzjoni ta' pvc u ram ma kienet taqa' taħt l-ebda waħda millintestaturi fl-Annessi II, III, u IV tar-Regolament, b'mod partikolari l-lista l-ħadra, bagħtu l-kunsinna in kwistjoni lura lejn Spanja, il-pajjiż minn fejn beda l-vjaġġ bil-baħar, għar-raġuni li l-vjaġġ bil-baħar sar bi ksur tal-proċeduri ta' notifika u ta' awtorizzazzjoni stabbiliti fir-Regolament u għalhekk kien jikkostitwixxi każ ta' traffikar illegali fissens ta' l-Artikolu 26.

18. Kontemporanjament, inbdew proċedimenti kriminali kontra OMS talli wettqet vjaġġ bil-baħar ta' skart mingħajr ma nnotifikat minn qabel lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' tranżitu skond l-Artikolu 15 tar-Regolament.

19. Id-deċiżjoni għal rinviju magħmula mir-Rechtbank te Rotterdam (Qorti tad-Distrett, Rotterdam) tafferma li l-Openbaar Ministerie (il-Ministeru Pubbliku) iddikjara li l-iskart in kwistjoni ma kienx jaqa' taħt l-intestatura GC 020 fil-lista l-ħadra, inkwantu, fl-opinjoni tiegħu, kienu kejbils ta' taħt l-art ta' dijametru konsiderevoli, li ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala kejbils u/jew wajer għal użu domestiku.

20. Barra minn hekk, skond l-imsemmi Openbaar Ministerie, peress li t-taħlita ta' pvc u ram tal-kejbils in kwistjoni ma kinitx tidher fil-lista l-ħadra, ma setgħetx titqies li kienet inkluża f'dik il-lista għaliex, fid-dawl ta' l-għanijiet tar-Regolament u tal-fatt li l-proċedura applikabbli għall-vjaġġi bil-baħar ta' sustanzi "ħodor" tikkostitwixxi eċċezzjoni mis-sistema ta' kontroll stabbilita mir-Regolament, għandha ssir interpretazzjoni restrittiva u applikazzjoni limitata ta' l-imsemmija lista. In sostenn ta' din il-pożizzjoni, l-Openbaar Ministerie kkwota s-sentenza Beside [8], li fiha, fl-opinjoni tiegħu, il-Qorti tal-Ġustizzja affermat li l-proċedura prevista għall-vjaġġi bil-baħar ta' skart imsemmija fl-Anness II tista' tapplika biss fil-każ ta' "sustanzi ħodor magħżulin kif suppost" jew ta' taħlita ta' sustanzi "ħodor" li, jekk mhux separati, jidhru f'kombinazzjoni fil-lista l-ħadra.

21. Konsegwentement, l-Artikolu 15 tar-Regolament għandu, fl-opinjoni tiegħu, japplika b'analoġija, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 17(8), għal vjaġġ bil-baħar lejn iċ-Ċina, pajjiż li mhux parti mill-OECD, ta' skart li jikkonsisti f'kombinazzjoni ta' sustanzi "ħodor" li ma ġewx magħżula u li ma jidhrux f'kombinazzjoni fuq ebda waħda millisti li jinsabu fir-Regolament. F'dan il-każ, għaldaqstant, dejjem skond l-Openbaar Ministerie, l-awtoritajiet kompetenti fl-Olanda kellhom jiġu nnotifikati bil-vjaġġ bil-baħar.

22. OMS kkontestat dawn l-argumenti, billi sostniet li l-kejbils in kwistjoni jaqgħu taħt l-intestatura GC 020, peress li l-fattur deċiżiv għall-finijiet ta' din il-klassifikazzjoni huwa l-kompożizzjoni tal-kejbils u m'għandhiex tingħata importanza lill-oriġini jew lid-dijametru tagħhom. Inkwantu huma magħmulin minn pvc u ram, dawn il-kejbils huma simili għall-fdalijiet ta' tagħmir elettroniku li jinsabu taħt l-intestatura GC 020 li l-kejbils u/jew wajer li jinsabu fiha huma ġeneralment magħmula mill-istess materjali.

23. Sussidjarjament, OMS sostniet li l-proċedura tal-lista l-ħadra għandha tapplika f'kull każ għal kombinazzjoni ta' żewġ materjali li jidhru f'dik il-lista, anki jekk dawk il-materjali ma jidhrux fil-lista f'kombinazzjoni. Skond l-OMS, din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mill-prassi ta' ħafna Stati Membri, fosthom Spanja, il-pajjiż minn fejn beda l-vjaġġ bil-baħar, kif ukoll iċ-Ċina, il-pajjiż ta' destinazzjoni.

8 — Sentenza tal-25 ta' Ġunju 1998 (C-192/96, Ġabra p. I-4029).

24. Il-qorti tar-rinviju, peress li għandha dubbji rigward l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament, iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Jistgħu fdalijiet ta' kejbils bħal dawk in kwistjoni (x'uħud minnhom b'dijametru ta' 15-il ċentimetru) jitqiesu bħala "fdal elettroniku (eż. [...] wajer, eċċ.)" fis-sens ta' l-intestatura GC 020 tal-lista l-ħadra?

2) Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja twieġeb fin-negattiv għall-ewwel domanda, tista' jew għandha kombinazzjoni ta' sustanzi tal-lista l-ħadra, li ma tinsabx bħala tali fl-imsemmija lista, tiġi kkunsidrata bħala sustanza tal-lista l-ħadra u tista' din it-taħlita ta' sustanzi tiġi ttrasportata għal finijiet ta' rkupru, mingħajr ma tkun applikabli l-proċedura ta' notifika?

3) F'dan ir-rigward, huwa neċessarju li l-materjali ta' skart jiġu offruti jew ittrasportati separatament?"

25. OMS, il-Kummissjoni, u l-Gvernijiet ta' l-Olanda u tal-Portugall ressqu osservazzjonijiet bil-miktub skond l-Artikolu 23 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja. OMS, il-Kummissjoni u l-Gvern ta' l-Olanda kienu rrappreżentati fis-smigħ.

IV — Analiżi legali

A — *Fuq l-ewwel domanda*

26. Permezz ta' l-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk kejbils magħmula minn pvc u ram, b'dijametri varji, jistgħux jiġu kklassifikati fuq il-bażi ta' l-intestatura GC 020 bħala fdal elettroniku u jistgħux jiġu ttrasportati bħala skart fil-lista l-ħadra, mingħajr notifika minn qabel.

27. F'dan ir-rigward, l-OMS issostni li l-intestatura GC 020 ma tikkostitwixxix lista eżawrjenti iżda kategorija residwa li l-fattur deċiżiv tagħha għall-finijiet ta' klassifikazzjoni ta' skart bħala "fdal elettroniku u komponenti elettroniċi rikjamati [rkuprati]" huwa l-kompożizzjoni ta' l-iskart u li, fil-każ ta' kejbils u wajers, l-oriġini tal-kejbils, kemm jekk domestiku jew muniċipali, u d-dimensjonijiet tagħhom, fis-sens ta' dijametru u/jew tul, ma huma ta' l-ebda importanza. Fid-dawl ta' l-għan ta' ħarsien ta' l-ambjent tar-Regolament in kwistjoni, sabiex kejbils jistgħu jiġu inklużi f'tali kategorija huwa biżżejjed li s-sustanzi li huma magħmula minnhom ma jkunux ġew daqstant ikkontaminati li

jistgħu jikkostitwixxu riskji għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ħarsien ta' l-ambjent matul il-proċess ta' rkupru tagħhom. Konsegwentement, il-kejbils in kwistjoni, magħmula, bħall-biċċa l-kbira tal-kejbils u wajers elettroniċi u tar-ram u pvc u mhux ikkontaminati minn sustanzi oħra, għandhom jitqiesu li huma simili għall-fdal ta' tagħmir elettroniku u għandu jkun possibli li jintbagħtu permezz ta' vjaġġ bil-baħar mingħajr l-obbligu ta' notifika minn qabel.

28. In sostenn ta' din l-interpretazzjoni wiesgħa tal-kategorija GC 020, OMS tinvoka d-Direttiva 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-27 ta' Jannar 2003 [9], li tistabbilixxi regoli komuni għall-immaniġġjar ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku, inkwantu r-rimi jew l-irkupru taż-żewġ tipi ta' tagħmir ma joħloqx riskji differenti għall-ambjent, peress li l-kompożizzjoni taż-żewġ tipi ta' tagħmir hija identika.

29. Il-Gvern ta' l-Olanda, min-naħa tiegħu, jikkunsidra li l-għan tar-Regolament, imsemmi fil-premessi 1 sa 5 u 8 tal-preambolu u kkonfermat mill-istess Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza *Il-Parlament vs Il-Kunsill* [10], li jiġi assigurat livell għoli ta' ħarsien ta' l-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem jeżiġi (a) applikazzjoni limitata tal-proċedura ssemplifikata stabbilita għall-vjaġġi bil-baħar għal finijiet ta' rkupru ta' l-iskart fil-lista l-ħadra, inkwantu hija deroga mis-sistema ordinarja ta' kontroll stabbilita mir-Regolament, u (b) interpretazzjoni restrittiva tal-kategoriji ta' skart inklużi fil-lista.

30. Fuq il-bażi ta' tali interpretazzjoni restrittiva, il-fattur deċiżiv għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ta' l-iskart fis-sens ta' l-intestatura GC 020 huwa għalhekk, fl-opinjoni tagħha, l-"oriġini" ta' l-iskart, li għandu jinftiehem bħala "tagħmir elettroniku" u li għandu neċessarjament jiġi distint minn tagħmir elettriku, li huwa speċifikament imsemmi fl-intestatura GC 010.

31. Konsegwentement, peress li l-iskart in kwistjoni ġie kklassifikat bħala kejbils elettriċi fid-dokumenti li akkumpanjaw il-vjaġġ bil-baħar u peress li dawn għandhom jinftiehmu bħala "kejbil ta' taħt l-art għat-trasport ta' l-elettriku", il-Gvern ta' l-Olanda jikkonkludi li dawn il-kejbils ma jistgħux jaqgħu taħt il-kategorija GC 020 tal-lista l-ħadra.

9 — ĠU L 37, p. 24, Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2003/108/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-8 ta' Diċembru 2003 (ĠU L 345, p. 106, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2002/96").

10 — Sentenza tat-28 ta' Ġunju 1994 (C-187/93, Ġabra p. I-2857, punti 18 sa 23).

32. Fl-opinjoni tiegħi, u kif osservat il-Kummissjoni matul is-smiegħ, jidher minn analiżi semantika ta' l-intestatura GC 020 li t-termini "fdal" u "komponenti" għandhom valur sempliċement deskrittiv, mhux assolut, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ta' skart. Lanqas ma tista' l-kompożizzjoni ġenerika ta' l-iskart in kwistjoni (f'dan il-każ ram u pvc li minnhom huma magħmula l-biċċa l-kbira tal-kejbils u/jew wajers) tiġi meqjusa bħala deċiżiva għall-finijiet ta' klassifikazzjoni fis-sens ta' l-intestatura GC 020, peress li m'hemmx referenza għaliha fil-kliem ta' tali intestatura, u l-istess kunsiderazzjonijiet japplikaw għall-oriġini ta' skart "domestiku jew muniċipali".

33. L-uniku fattur li jidher rilevanti għall-klassifikazzjoni ta' l-iskart għall-finijiet ta' l-intestatura in kwistjoni huwa n-natura ta' l-iskart. L-intestatura GC 020 fil-fatt tinkludi l-fdal elettroniku, fosthom kejbils u wajers, li huma msemmija sempliċement bħala eżempji. Il-fattur li jidher, għaldaqstant, konklużiv għall-finijiet ta' klassifikazzjoni huwa n-natura "elettronika" ta' l-iskart, fi kliem ieħor, il-fatt li huwa jew kien parti minn tagħmir elettroniku, indipendentement mill-kompożizzjoni, mid-dimensjonijiet jew mill-oriġini domestiku/muniċipali tiegħu.

34. Din l-interpretazzjoni hija korroborata, minn naħa, mill-uniformità tal-verżjonijiet lingwistiċi b'referenza għat-terminu "elettroniku" u, min-naħa l-oħra, mill-qari sistematiku ta' l-intestatura ġenerali GC (skart ieħor li jinkludi metalli) li tinkludi taħtha s-sub-intestatura GC 020. Fil-fatt, l-ewwel intestatura f'din il-kategorija ġenerali hija l-intestatura GC 010 u l-oriġini ta' l-iskart minn muntaturi elettriċi u l-kompożizzjoni tagħhom "li jikkonsistu biss f'metalli jew ligi" jidhru li huma deċiżivi għall-applikazzjoni ta' din il-kategorija. F'dak ir-rigward hija differenti mill-kategorija ta' warajha, GC 020 in kwistjoni, li l-portata tagħha hija iktar ristretta peress li hija tinkludi biss skart *ta' origini elettroniku* adattat għal "irkupru ta' metall komuni u prezzjuż".

35. Konsegwentement mhux il-wajers jew il-kejbils kollha, li kif diġà semmejt huma msemmija sempliċiment bħala eżempji, jaqgħu taħt l-intestatura GC 020 iżda dawk biss li huma jew li kienu parti minn tagħmir li jista' jiġi klassifikat bħala elettroniku.

36. Barra minn hekk, rigward id-Direttiva 2002/96, magħrufa bħala d-Direttiva WEEE, filwaqt li huwa veru li tistabbilixxi regoli komuni rigward l-immaniġġjar ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku, fatt li jista' jwassal sabiex wieħed jissoponi li kull distinzjoni bejn dawk il-kategoriji ta' skart kienet irrelevanti għall-finijiet tal-klassifikazzjoni fil-lista l-ħadra, xi osservazzjonijiet huma madankollu mitluba b'rabta ma' dan.

37. L-ewwel nett, għandu jiġi mfakkar li l-imsemmija Direttiva hija ta' rilevanza limitata għall-finijiet tal-każ in kwistjoni, peress li t-terminu għat-traspożizzjoni tagħha kien għadu ma skadiex fiż-żmien tal-fatti in kwistjoni.

38. Fit-tieni lok, l-argumenti magħmula minn OMS jistgħu jiġu kkontestati, kemm fuq bażi kronoloġika kif ukoll fuq bażi legali u applikazzjoni indipendenti. B'mod partikolari, huwa riskjuż li wieħed jinterpreta d-dispożizzjonijiet tar-Regolament in kwistjoni fid-dawl ta' miżura sussegwenti, b'mod partikolari direttiva adottata disa' snin wara. Barra minn hekk, din id-Direttiva nnfisha hija suġġetta għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament rigward l-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

41. Wara li saru dawn il-kjarifiki, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tistabbilixxi, peress li dan huwa fatt li ma jaqax taħt il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-"oriġini" tal-kejbils in kwistjoni minn tagħmir elettroniku — suġġett li l-partijiet ma qablux fuqu waqt ismiegħ — sabiex jiġu inklużi taħt l-intestatura GC 020 tar-Regolament, bil-konsegwenza li l-proċedura ssemplifikata tal-lista l-ħadra tapplika għall-vjaġġ bil-baħar tagħhom.

B — *Fuq it-tieni u t-tielet domanda*

39. Fl-aħħar nett, id-distinzjoni bejn muntaturi elettriċi u tagħmir elettroniku msemmija fl-intestaturi GC 010 u GC 020 tar-Regolament in kwistjoni, tinsab ukoll fir-Regolament Nru 1013/2006 [11], li jissostitwixxi r-Regolament ta' qablu u kien adottat erba' snin wara d-Direttiva in kwistjoni.

42. Ngħaddi issa għall-analiżi konġunta tat-tieni u t-tielet domanda li permezz tagħhom ir-Rechtbank te Rotterdam essenzjalment isaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tistabbilixxi jekk il-kombinazzjoni ta' sustanzi msemmija fil-lista l-ħadra, kombinazzjoni li mhijiex inkluża bħala tali fil-lista, tistax jew għandhiex tiġi kkunsidrata li hija inkluża fil-lista, u jekk għal dan il-għan huwiex neċessarju li ż-żewġ elementi li minnhom hija magħmula tali kombinazzjoni humiex offruti jew trasportati separatament.

40. Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, inqis li d-distinzjoni bejn il-kategoriji ta' skart ibbażata fuq il-kriterju ta' l-"oriġini" elettronika jew elettrika ta' l-iskart tibqa' rilevanti fid-dawl tar-regoli stabbiliti fid-Direttiva WEEE 2002/96.

43. Il-kjarifika in kwistjoni hija importanti għaliex hija tipprovdi l-bażi sabiex jiġi identifikat liema mis-sistemi ta' kontroll stabbiliti skond ir-Regolament in kwistjoni huwa applikabbli għall-vjaġġ bil-baħar tagħhom. Fil-każ li kombinazzjonijiet ta' sustanzi fil-lista l-ħadra jitqiesu bħala inklużi f'din il-lista, jista' jiġi deċiż li, skond l-Anness D tar-Regolament Nru 1547/1999, iċ-Ċina ma kellhiex tiġi nnotifikata bit-trasport. Jekk,

11 — Imsemmi fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2. Nenfasizza f'dan ir-rigward li skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness III ta' dan ir-Regolament (il-lista l-ħadra), id-distinzjoni msemmija taħt l-intestaturi GC 010 u GC 020 tieħu preċedenza fuq il-klassifikazzjoni li tinsab taħt l-intestatura B 1100 ta' l-Anness IX tal-Konvenzjoni ta' Basilea — fl-Anness V, Parti I, Lista B, tar-Regolament — li tissuġġetta l-muntaturi elettriċi u elettroniċi għall-istess regoli.

minflok, jitqies li kombinazzjonijiet ta' sustanzi "ħodor" ma jistgħux jiġu inklużi fil-lista l-ħadra peress li mhumiex imsemmija fl-annessi tar-Regolament, għandu jiġi deċiż li kellha tiġi applikata s-sistema ta' notifika minn qabel stabbilita għall-vjaġġi bil-baħar ta' sustanzi fil-lista l-ħamra (l-Artikolu 15 tar-Regolament).

44. Fir-rigward tat-tieni u t-tielet domanda, il-Gvern ta' l-Olanda, filwaqt li jerġa' jirreferi għall-għanijiet speċifiċi tar-Regolament ta' ħarsien ta' l-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem, jargumenta favur interpretazzjoni restrittiva tal-lista l-ħadra għal numru ta' raġunijiet. Fl-ewwel lok, din il-lista tinkludi diversi tipi ta' skart li jikkonsistu f'kombinazzjoni ta' żewġ sustanzi "ħodor", fatt li jimplika li l-lista hija eżawrjenti u definittiva. Fit-tieni lok, il-Gvern Olandiż josserva li l-inklużjoni ta' sustanza fil-lista l-ħadra sseħħ wara evalwazzjoni preliminari tar-riskji marbuta ma' l-irkupru tas-sustanza, ikkunsidrata separatament, fatt li jeskludi l-inklużjoni mill-imsemmija lista, tas-sustanzi f'forma ta' kombinazzjoni, peress li r-riskji possibbli konnessi ma' l-irkupru tagħhom ma ġewx evalwati.

45. Fl-aħħar nett, il-Gvern Olandiż isostni li, fil-każ ta' kombinazzjonijiet ta' diversi sustanzi "ħodor", jista' jkun hemm riskju ikbar għall-ambjent fil-każijiet fejn waħda biss mis-sustanzi tiġi rkuprata, filwaqt li l-oħra tiġi eliminata. Il-fatt li jista' jkun hemm tali riskju, f'dan il-każ iwassal, bla dubju, sabiex jiġu eskluži kombinazzjonijiet bħal dawn mis-sistema stabbilita għall-lista l-ħadra. Skond il-Gvern ta' l-Olanda, dan seħħ b'mod ċar fil-każ preżenti, peress li, fil-fehma tiegħu, ir-ram li bih huma magħmula ġeneralment il-kejbils elettriċi jiġi rkuprat fiċ-Ċina billi jitneħħa l-pvc permezz ta' inċinerazzjoni f'operazzjoni li mhix suġġetta għal kontrolli.

46. Il-Gvern Portugiż jaqbel ma' din l-interpretazzjoni restrittiva tal-lista l-ħadra.

47. OMS tqis, minflok, li kombinazzjoni ta' żewġ sustanzi fil-lista l-ħadra intiża għall-irkupru ma toħloqx minnha nnifisha riskji għall-ambjent differenti minn dawk marbuta mad-diversi sustanzi, meqjusa separatament, li huma inklużi fil-kombinazzjoni, bir-riżultat li dan it-tip ta' skart huwa inkluż fil-lista l-ħadra. L-imsemmija interpretazzjoni, kif diġà ġie osservat iktar 'il fuq, hija kkorroborata mill-prassi ta' diversi Stati Membri u wkoll fiċ-Ċina, il-pajjiż destinatarju tal-vjaġġ bil-baħar in kwistjoni.

48. Barra minn hekk, l-argument imsemmi iktar 'il fuq huwa kkorroborat mid-dispożizzjoni tad-Deċiżjoni ta' l-OECD ta' l-2001 [12], li tgħid li kombinazzjoni ta' "skart aħdar" hija

12 — C(2001) 107 Finali.

suġġetta għall-proċedura ta' kontroll tal-lista l-ħadra, jekk il-kompożizzjoni ta' din il-kombinazzjoni ma taffettwax l-irkupru tagħha b'mod li huwa ekoloġikament razzjonali. OMS tqis li din id-deċiżjoni tirrappreżenta strument importanti għall-interpretazzjoni tar-regoli stabbiliti fir-Regolament in kwistjoni, minkejja li dawn ir-regoli mhumiex direttament applikabbli għall-każ in kwistjoni peress li ċ-Ċina mhijiex parti minn din l-organizzazzjoni.

49. Il-Kummissjoni, min-naħa tagħha, minkejja li taqbel ma' l-approċċ estensiv adottat mill-OMS fl-interpretazzjoni tal-lista l-ħadra, tqis li r-regola li l-vjaġġi bil-baħar ta' kombinazzjonijiet ta' sustanzi ħodor huma eżenti minn obbligi ta' notifika ma tistax tiġi applikata awtomatikament. Minflok, ir-riskji marbuta ma' l-irkupru taż-żewġ sustanzi ħodor f'kombinazzjoni għandhom jiġu evalwati fuq bażi individwali. Fil-każ in kwistjoni, fid-dawl tar-riskji marbuta ma' l-irkupru tal-pvc, ma jistax jingħad li l-kejbil in kwistjoni huwa inkluż fil-lista l-ħadra u li l-proċeduri applikabbli għat-trasport tas-sustanzi li huma inklużi f'din il-lista għaldaqstant ma jistgħux japplikaw għal dan it-tip ta' skart.

50. Fil-fehma tiegħi, minkejja li l-lista l-ħadra tidher *prima facie* li tikkonsisti f'lista eżawrjenti u definittiva tal-każijiet li fihom il-proċeduri ta' kontroll ta' vjaġġi bil-baħar ta' skart stabbiliti fir-Regolament in kwistjoni ma japplikawx, diversi fatturi jmorru kontra tali interpretazzjoni restrittiva tal-lista in kwistjoni.

51. Fl-ewwel lok, jekk huwa minnu li l-iskart fil-lista l-ħadra jirrappreżenta kategorija partikolari li ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, kif stabbilit fl-Artikolu 1(3) ta' l-istess Regolament, u li, peress li dak l-iskart ġeneralment mhuwiex ta' periklu, huwa mhuwiex suġġett għas-sistema ta' kontroll stabbilita permezz tal-leġiżlazzjoni in kwistjoni, madankollu ma nqisx li dan jimplika li l-lista in kwistjoni hija definittiva u eżawrjenti għaliex interpretazzjoni bħal din, fl-opinjoni tiegħi, tmur kontra kemm l-għanijiet tar-Regolament kif ukoll il-kliem tal-preambolu tal-lista l-ħadra.

52. F'dan ir-rigward, l-imsemmi preambolu, li huwa rilevanti mhux biss minħabba l-kliem tiegħu iżda wkoll minħabba l-importanza tiegħu għall-finijiet tad-definizzjoni ta' l-għanijiet tar-Regolament, jipprovdi, fil-fatt, li, "indipendentement mill-fatt jekk huwiex inkluż jew le" fil-lista l-ħadra, l-iskart ma jistax jintbagħat bħala skart aħdar jekk "jinstab li huwa kkontaminat minn sustanzi oħra" b'tali mod li tant iżid ir-riskji assoċjati ma' l-iskart li jista' jitqies li huwa simili għal skart fil-lista ambra jew ħamra, jew meta jostakola l-irkupru ta' l-iskart b'mod li jagħmilx ħsara lill-ambjent.

53. Fit-tieni lok, in-natura miftuħa tal-preambolu tal-lista l-ħadra, li tirriżulta mill-indikazzjoni ta' possibbiltà li jiġi eskluż skart mis-sistema ta' l-imsemmija lista, kemm fil-każ li huma inklużi fiha kif ukoll fil-każ li mhumiex, [13] mhijiex każ iżolat: huwa jinstab ukoll f'espressjonijiet inklużi f'diversi intestaturi tal-lista l-ħadra, fosthom "inkluż iżda mhux limitat għal", "oħrajn", "oħrajn [...], per eżempju [...]", jew "oħrajn, inklużi iżda mhux limitati għal:". Dan il-kliem jimplika, huwa wkoll, li għalkemm mhux imsemmija espliċitament fil-lista l-ħadra, xi sustanzi jistgħu jitqiesu li huma inklużi fiha jekk jistgħu jiġu assenjati għal intestaturi speċifiċi ta' skart "aħdar".

54. Fit-tielet lok, iżda ċertament mhux fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-okkażjoni li tiddeċiedi rigward il-portata tal-preambolu tal-lista l-ħadra f'Beside u Besselsen, imsemmi iktar 'il fuq, li fih hija ddikjarat li l-espressjoni "skart muniċipali/domestiku" imsemmi fl-intestatura AD 160 tal-lista ambra fl-Anness III tar-Regolament, kif emendat mid-Deċiżjoni 94/721, tinkludi, minn naħa, l-iskart magħmul prinċipalment minn skart imsemmi fil-lista l-ħadra fl-Anness II tar-Regolament, imħallat ma' kategoriji oħra ta' skart li jidher fl-imsemmija lista, u li l-imsemmi "skart muniċipali/domestiku" ma jitlifx in-natura tiegħu bħala "skart ambra", u għalhekk ma jaqax taħt il-lista l-ħadra, sakemm ma jkunx ġie miġbur separatament jew magħżul b'mod xieraq.

55. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat fil-punt 34 ta' din is-sentenza li "l-espressjoni 'skart muniċipali/domestiku' imsemmija fl-intestatura AD 160 tal-lista ambra fl-Anness III tar-Regolament [...], tinkludi kemm l-iskart li jikkonsisti prinċipalment minn skart imsemmi fil-lista l-ħadra fl-Anness II tar-Regolament, imħallat ma' kategoriji oħra ta' skart li jidhru f'din il-lista, kif ukoll minn skart imsemmi fil-lista l-ħadra mħallat ma' kwantità ristretta ta' sustanzi li mhumiex imsemmija f'din il-lista". Ma naħsibx li dan il-punt tas-sentenza jista' jiġi invokat bil-mod li invokawh il-Gvern ta' l-Olanda fil-każ preżenti u l-Openbaar Ministerie fil-kawża li tat lok għat-talba għal deċiżjoni preliminari, billi sostnew li, fl-istruttura tar-Regolament, ir-regoli dwar l-iskart tal-lista l-ħadra jirrappreżentaw eċċezzjoni u li, għaldaqstant, il-lista l-ħadra għandha tiġi interpretata b'mod restrittiv.

56. Sabiex din id-deċiżjoni tiġi mifhuma korrettament, qabel kollox għandha tittieħed in kunsiderazzjoni d-domanda li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-intenzjoni li twieġeb fil-

15 — Nosserva madankollu, b'rabta ma' dan, illi diversi verżjonijiet ta' lingwa tar-Regolament mhumiex uniformi: għalhekk, filwaqt li l-verżjonijiet Taljani, Portugiżi u Ingliżi, per eżempju, jużaw dawn l-espressjonijiet: "indipendentemente dal fatto che vi figuri o meno", "regardless of whether or not wastes are included", "independentemente de estarem ou não incluídos", il-verżjonijiet Spanjoli u Franċiżi jużaw dawn l-espressjonijiet "independientemente de su inclusión", "indépendamment de son inclusion", li jidhru f'inqas kuntrast mal-possibbiltà li l-lista msemmija fil-lista l-ħadra tista' tkun eżawrjenti u definittiva.

punti 32 sa 34 tas-sentenza in kwistjoni kif ukoll id-deċiżjoni fil-punt 34 fil-kuntest tarraġunament li fih ingħatat din id-deċiżjoni.

57. Rigward l-ewwel punt, huwa ċar li, kif il-Qorti tal-Ġustizzja nfisha osservat fil-punt 21 tas-sentenza tagħha, hija ġiet mitluba tiddeċiedi rigward skart imħallat b'mod ġeneriku ma' skart ieħor f'forma li normalment tiġi deskritta bħala "kontaminazzjoni esterna", u mhux rigward taħlita li tista' tiġi kklassifikata bħala "taħlita inerenti", bħal ma hija t-taħlita in kwistjoni fil-każ preżenti.

58. Minkejja li, kif rajna, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat fil-każ *Beside* li l-iskart in kwistjoni kellu jiġi magħżul b'mod xieraq sabiex jiġi kklassifikat bħala parti mil-lista l-ħadra, hija għamlet dan għar-raġuni li l-kawża prinċipali kienet tikkonċerna "kontaminazzjoni" minn sustanzi esterni, jiġifieri diversi sustanzi li jistgħu jiġu kklassifikati bħala "ħodor" daħlu f'kuntatt, matul il-vjaġġ bil-baħar, ma' sustanzi oħra li ma kinux inklużi f'din il-kategorija, bil-konsegwenza li l-klassifikazzjoni korretta tagħhom saret impossibbli. Għaldaqstant qam il-bżonn ta' separazzjoni u għażla xierqa sabiex huma jiġu identifikati u kklassifikati bħala skart aħdar u sabiex jiġi evitat li fost is-sustanzi kklassifikati bħala inklużi fil-lista l-ħadra jidħol skart li l-irkupru tiegħu joħloq riskji għall-ambjent.

59. Il-każ in kwistjoni, min-naħa l-oħra, jikkonċerna kombinazzjoni ta' skart f'forma li tista' tiġi kklassifikata bħala taħlita inerenti, jiġifieri għaqda ta' sustanzi, li l-firda tagħhom, permezz ta' inċinerazzjoni jew permezz ta' mezzi mekkaniċi tal-pvc mir-ram, tikkostitwixxi l-ewwel stadju ta' rkupru fis-sens tad-Direttiva 75/442 [14]. Konsegwentement la min jittrasporta u lanqas il-produttur ta' l-iskart ma setgħu jagħżlu l-materjali in kwistjoni sabiex jisseparawhom.

60. Għaldaqstant, m'huwiex possibbli li l-kriterju ta "għażla xierqa u ġbir separat korrett" affermat mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' hekk imsejħa kontaminazzjoni esterna ta' skart jiġi estiż għall-każ preżenti, li jikkonċerna "taħlita inerenti" ta' żewġ sustanzi distinti.

61. Rigward il-kuntest li fih il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet id-deċiżjoni li tinsab fil-punt 34 tal-każ Beside u Besselsen, għandu jiġi osservat li, minkejja li, sabiex waslet għal din il-konklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat fil-punt 32 li skart muniċipali/domestiku ma jitlifx in-natura tiegħu bħala skart fil-lista ambra u għaldaqstant ma jaqax taħt il-lista l-ħadra jekk ma jkunx ġie miġbur separatament jew magħżul b'mod xieraq, hija għamlet dan għal raġuni espressa fil-punt 33, *raġuni li*, fil-fatt, *tinkludi l-kriterju li, fl-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, għandu jiġi applikat fil-każ in kwistjoni*. Il-punt 33 jipprovdi: "fil-fatt, kif previst fl-introduzzjoni

14 — B'mod partikolari, il-Kummissjoni ssemmi l-istadji R 4 u R 11 fl-Anness II B tad-Direttiva, "Reċiklaġġ/rkupru ta' metalli u komposti tal-metall" u "Użu ta' skart li ġej minn kwalunkwe operazzjoni bin-numru R 1 sa R 10" rispettivament.

tal-lista l-ħadra ta' l-iskart, l-iskart ma jistax, indipendentement mill-fatt jekk huwiex inkluż fil-lista l-ħadra jew le, jintbagħat bħala skart aħdar jekk jinstab li huwa kkontaminat minn sustanzi oħra b'tali mod li (a) iżid ir-riskji assoċjati ma' l-iskart tant li jiġġustifika l-inklużjoni fil-lista ħamra jew ambra, jew li (b) jostakola l-irkupru ta' dan l-iskart b'mod ekoloġikament razzjonali". Il-kriterju li applikat il-Qorti tal-Ġustizzja b'dan il-mod huwa, qabel kollox, kriterju li, minkejja li jista' faċilment iwassal għall-esklużjoni ta' taħlita ġenerika mil-lista l-ħadra jew l-inklużjoni tagħha mill-ġdid, huwa intiż sabiex ikun ċertament ħafna inqas applikabbli fir-rigward ta' taħlit inerenti; u wkoll, u fuq kollox, huwa kriterju li jinvolvi biċ-ċar, skond il-Qorti tal-Ġustizzja, l-esklużjoni ta' l-opinjoni li l-lista l-ħadra tirrappreżenta eċċezzjoni jew li hija għandha tiġi interpretata b'mod restrittiv sabiex jiġi kkunsidrat, b'mod definittiv u ġenerali, li kombinazzjonijiet ta' sustanzi ta' skart "aħdar" li huma msemmija speċifikament fil-lista biss jistgħu jibbenefikaw mis-sistema li fuqha hija bbażata l-lista. L-unika konklużjoni li tista tiġi dedotta hija li kombinazzjoni ta' elementi inklużi fil-lista l-ħadra għandha tiġi evalwata fuq bażi individwali fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ partikolari.

62. Dawn il-kunsiderazzjonijiet iwassluni għall-konklużjoni li l-leġiżlatur Komunitarju ma kellux l-intenzjoni li jeskludi l-applikazzjoni tas-sistema msemmija fil-lista l-ħadra kemm fil-każ ta' kontaminazzjoni esterna ta' sustanzi ħodor minn sustanzi oħra, kif ukoll fil-każ ta' l-hekk imsejħa kontaminazzjoni inerenti bejn sustanzi ħodor, sakemm ir-riskji assoċjati ma' l-irkupru ta' dawk il-materjali fil-pajjiż destinatarju ma jiżdidux minħabba din il-kontaminazzjoni.

63. Dan huwa l-każ, ikkonfermat mill-opinjoni ta' l-Avukat Ġenerali Jacobs li, fil-punt 33 tal-konklużjonijiet tiegħu f'Beside (a) spejga, fir-rigward ta' l-opinjoni li skart aħdar li jaqa' taħt kategorija ġenerali ma jistax jitħallat ma' skart li jaqa' taħt kategorija ġenerali oħra għall-finijiet ta' l-eżenzjoni mill-obbligu ta' notifika, li din l-opinjoni mhijiex applikabbli għal "taħlita inerenti" u (b) iddeskriva bħala taħlita inerenti skart bħal fliexken tal-ħġieġ b'tikketti tal-karta, skart li ċertament huwa komparabbli għall-każ, bħal dak in kwistjoni, ta' kejbils li jikkonsistu f'nukleju tar-ram imdawwar b'kiskja ta' pvc [15].

64. Fl-opinjoni tiegħi, l-interpretazzjoni esposta hawn fuq hija kkorroborata mhux biss mill-istruttura ġenerali u mill-iskop tal-lista l-ħadra iżda wkoll mill-għanijiet ġenerali li huma bbażati fuqhom ir-regoli tal-Komunità dwar it-trasport ta' l-iskart.

15 — "Konklużjonijiet ippreżentati fit-23 ta' Ottubru 1997".

65. Fil-fatt, infakkar li, kif imsemmi b'mod espliċitu fl-erbatax-il premessa fil-preambolu tar-Regolament, l-iskop tal-lista l-ħadra huwa li din teskludi mill-proċeduri normali ta' kontroll il-vjaġġi bil-baħar ta' sustanzi intiżi għal irkupru u li t-trattament tiegħu ma joħloqx riskji għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem. F'dan ir-rigward l-għan huwa, minn naħa, li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jikkonċentraw fuq vjaġġi bil-baħar li jinvolvu riskju konkret għall-ambjent billi jipprevjenu lil dawk l-awtoritajiet milli jkunu mgħobbija żżejjed b'notifiki li mhumiex ikkunsidrati essenzjali u, min-naħa l-oħra, li jinkoraġixxu l-"kummerċ" ta' "rkupru" permezz tas-semplifikazzjoni tal-proċeduri għat-trasport ta' l-iskart intiż għal dan it-tip ta' trattament.

66. Ikun sproporzjonat ma' dawn l-għanijiet jekk jingħad li żewġ sustanzi li minnhom infushom ma jippreżentawx riskji għall-ambjent relatati ma' l-irkupru tagħhom (a) ma jibbenefikawx mis-sistema msemmija fil-lista l-ħadra sempliċiment minħabba l-fatt li huma ppreżentati fl-għamla ta' taħlita inerenti, anki jekk il-fatt li huma mħallta ma jaffettwa bl-ebda mod l-irkupru b'mod ekoloġikament razzjonali, u (b) huma suġġetti, f'kull każ u minkejja n-nuqqas ta' riskju, għal sistema ta' kontroll iktar stretta applikabbli għall-vjaġġi bil-baħar ta' sustanzi li huma kkunsidrati perikoluži (bħalma huma s-sustanzi fil-lista l-ħamra).

67. Madankollu, l-approċċ restrittiv espost fil-punt preċedenti huwa eskluż fid-dawl ta' l-għanijiet infushom tar-Regolament.

68. Fil-fatt, filwaqt li huwa minnu li, b'mod ġenerali, l-għan tar-Regolament huwa li joħloq sistema armonizzata ta' proċeduri ta' kontroll sabiex jiġu ristretti l-movimenti ta' l-iskart sabiex tiġi ggarantita l-protezzjoni tar-riżorsi naturali, madankollu għandu jiġi osservat li s-sistema sħiħa ta' kontroll hija bbażata fuq distinzjoni fundamentali bejn skart intiż għar-"rimi" u skart intiż għal "irkupru".

69. Sabiex jiġi mħares l-ambjent, ir-Regolament jipprova jillimita, permezz tal-proċeduri ta' kontroll, movimenti trans-konfini ta' skart għar-rimi, b'applikazzjoni tal-prinċipji ta' "awtosuffiċjenza u prossimità", iżda l-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji hija eskluża fil-każ ta' skart li huwa intiż biss għal irkupru.[16] Fil-każ ta' dan ta' l-aħħar, minnaħa l-oħra, il-leġiżlatur Komunitarju stabbilixxa sistema ta' moviment ħieles sabiex jinkoraġixxi l-irkupru tiegħu, sakemm dak it-trasport ma joħloqx riskji għall-ambjent, filwaqt li l-operatur ekonomiku tħalla l-possibbiltà li jipproċessa dan it-tip ta' skart fil-pajjiż u ma' l-impriżi li joffru l-kundizzjonijiet ekonomiċi l-iktar vantaġġjużi.

18 — Ara, f'dan is-sens, *ex multis*, is-sentenza tal-25 ta' Ġunju 1998, Dusseldorp *et* (Ġabra C-203/96, Ġabra I-4075, punti 32 sa34.

70. Konsegwentement, fid-dawl ta' l-għanijiet imsemmija iktar 'il fuq ta' semplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi u ta' inkoraġġiment ta' l-introduzzjoni mill-ġdid ta' skart fiċ-ċiklu ta' produzzjoni, il-kombinazzjonijiet ta' sustanzi li jidhru fuq bażi individwali fil-lista l-ħadra jistgħu jitqiesu li huma suġġetti għas-sistema ta' din il-lista, anki jekk mhumiex imsemmija f'kombinazzjoni, biss jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-preambolu tal-lista jiġu osservati.

71. B'mod partikolari, inqis li l-vjaġġi bil-baħar ta' forom kombinati ta' skart huma suġġetti għas-sistema msemmija fil-lista l-ħadra jekk jiġu sodisfatti ċerti kundizzjonijiet, jiġifieri (a) jekk huma kombinazzjonijiet ta' żewġ sustanzi msemmija fil-lista l-ħadra, (b) jekk dan it-tip ta' skart imħallat ikun intiż għal irkupru skond id-Direttiva 75/442 u (ċ) jekk il-kombinazzjoni tas-sustanzi in kwistjoni ma tinvolvix il-kontaminazzjoni tagħhom b'tali mod li żżid ir-riskji għall-ambjent marbuta ma' l-irkupru tagħhom meta mqabbla mal-każ fejn jiġu pproċessati separatament.

72. Konsegwentement, fir-rigward tal-każ preżenti, l-ewwel nett għandu jiġi stabbilit jekk il-kejbils in kwistjoni kinux intiżi għall-irkupru fil-pajjiż destinatarju billi jiġi żgurat, b'mod partikolari, jekk l-ewwel stadju ta' trattament li se jgħaddi minnha jaqax taħt l-operazzjonijiet ta' "rkupru" skond il-klassifikazzjoni msemmija fl-Anness B tad-Direttiva 75/442 [17]. B'mod partikolari, jekk wieħed jassumi li l-ewwel trattament li l-kejbils in kwistjoni huma suġġetti għalih huwa s-separazzjoni tan-nukleju tar-ram mill-kisja ta' pvc, din is-separazzjoni għandha ssir skond waħda mill-operazzjonijiet inklużi fl-Anness B tad-Direttiva msemmija iktar 'il fuq sabiex tikkwalifika bħala "rkupru".

73. Fit-tieni lok, għandu jiġi evalwat jekk, fid-dawl tal-forma kkombinata, iż-żewġ sustanzi li jiffurmaw il-kejbils jistgħux jiġu rkuprati b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent u jekk ir-riskju ta' l-ambjent huwiex ikbar mir-riskju marbut ma' l-irkupru tar-ram u l-pvc meqjusa separatament.

74. In sostenn ta' din l-interpretazzjoni tal-lista l-ħadra, għandu jiġi mfakkar, barra minn hekk, li mhux biss fis-sistema legali Spanjola, jiġifieri s-sistema legali tal-pajjiż li qed jibgħat l-iskart, iżda wkoll fis-sistema legali tal-pajjiż ta' tranżitu — l-Olanda — skart li jikkonsisti f'kombinazzjonijiet ta' sustanzi li jidhru fil-lista l-ħadra li mhumiex inklużi fil-lista fil-forma komposta tagħhom ġew meqjusa li huma inklużi fil-lista l-ħadra, almenu f'deċiżjonijiet ġudizzjarji. Dan jidher b'mod

17 — Kif diġà rajna, wieħed mill-kriterji previsti mir-Regolament sabiex tiġi stabbilita s-sistema ta' kontroll li huwa suġġett għaliha t-trasport bil-baħar huwa l-iskop ta' dan ta' l-aħħar; f'dan ir-rigward huwa neċessarju li l-ewwel operazzjoni li jgħaddi minnha l-iskart għandha tiġi kklassifikata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' April 2003, SITA (C-116/01, Ġabra I-2629, punti 40 sa 49). Huwa biss fil-każ li l-ewwel operazzjoni ta' trattament ta' l-iskart li jintbagħat bil-baħar jista' jiġi kklasifikat bħala rkupru, fis-sens tad-Direttiva 75/442 li l-ewwel kundizzjoni sabiex tapplika s-sistema tal-lista l-ħadra għall-vjaġġ bil-baħar in kwistjoni tiġi sodisfatta.

ċar, fir-rigward ta' Spanja, mill-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati minn OMS, u, fir-rigward ta' l-Olanda, mir-referenza fid-deċiżjoni ta' Rechtbank te Rotterdam għas-sentenza tar-Raad van State (Kunsill ta' l-Istat) tal-11 ta' Mejju 2005.

75. Inqis ukoll li din l-interpretazzjoni tal-lista l-ħadra ma tistax tiġi invalidata, kif isostni l-Gvern Olandiż, minħabba l-fatt li l-lista ssemmi b'mod espliċitu kombinazzjonijiet li jikkonsistu fi skart li jidher individwalment fiha, bħal per eżempju "tajers prewmatiċi użati" taħt l-intestatura GK 020 jew "kameras ta' użu singolu mingħajr batteriji" taħt l-intestatura GO 050. Dawn jirrappreżentaw, fl-opinjoni tiegħi, kombinazzjonijiet klassiċi ta' skart li fir-rigward tagħhom jista' jingħad li l-leġiżlatur Komunitarju kellu sempliċiment l-intenzjoni li jesprimi direttament ruħu għal raġunijiet ta' konvenjenza u permezz ta' eżempji.

76. Bl-istess mod, dak li ġie osservat iktar 'il fuq fil-punt 70 *et seq.* mhuwiex eskluż mill-fatt li r-Regolament in kwistjoni ġie sostitwit reċentament mir-Regolament Nru 1013/2006, li għandu regoli speċifiċi dwar il-vjaġġi bil-baħar ta' l-hekk imsejħa "taħlit kompost" ta' skart li huwa msemmi individwalment fil-lista l-ħadra iżda li ma jidhirx fiha f'kombinazzjoni, billi jipprovdi għall-applikabbiltà tas-sistema tal-lista l-ħadra biss għal kombinazzjonijiet li, minbarra li jikkonsistu f'żewġ sustanzi "ħodor", huma wkoll inklużi f'Anness speċifiku (IIIA) li jista' jiġi emendat fuq proposta mill-Istati Membri skond il-proċedura magħrufa bħala komitoloġija. Din l-emenda tas-sistema hija ġġustifikata b'mod ċar mir-rekwiżit li jiġu mwieżna l-ħarsien ta' l-ambjent u ċ-ċertezza legali, rekwiżit li jista' ċertament jintlaħaq aħjar permezz ta' bidla minn sistema bbażata fuq sentenzi magħmula fuq bażi individwali għal sistema bbażata fuq regoli dettaljati applikabbli għal każijiet speċifiċi.

77. Madankollu, il-fatt li, qabel tali bidla fil-leġiżlazzjoni, is-sistema applikabbli kienet tippreżenta l-karatteristiċi deskritti iktar 'il fuq ifisser li s-sistema l-ġdida, stabbilita mir-regoli reċenti dwar it-trasport ta' l-iskart, ma tistax tiġi invokata fl-applikazzjoni tas-sistema preċedenti. Dak japplika b'mod partikolari, b'mod konformi mal-prinċipju ta' *nulla poena sine lege*, fid-dawl tal-fatt li s-sistema in kwistjoni, kif juru konkretament il-fatti in kwistjoni, hija intiża sabiex tiġi applikata flimkien ma' sistema ta' sanzjonijiet ta' natura penali.

V — Konklużjonijiet

78. Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja twieġeb kif ġej għad-domandi magħmula mill-Rechtbank te Rotterdam:

"1) Fdal ta' kejbils huwa inkluż taħt l-intestatura GC 020 tal-lista l-ħadra (Anness II) li tinsab fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 259/93, ta' l-1 ta' Frar 1993 dwar is-superviżjoni u l-kontroll tal-vjaġġi bil-baħar ta' skart fi, għal u mill-Komunità Ewropea, kif modifikat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2557/2001, tat-28 ta' Diċembru 2001, jekk huwa jew kien parti minn tagħmir elettroniku.

2) Kombinazzjoni ta' sustanzi li jinsabu fil-lista l-ħadra tar-Regolament Nru 259/93, kif emendat bir-Regolament Nru 2557/2001 li ma tinsabx fl-imsemmija lista bħala tali tista' titqies bħala inkluża fil-lista u suġġetta għas-sistema rilevanti ta' vjaġġi bil-baħar jekk tiġi ttrasportata għal skopijiet ta' rkupru ta' l-imsemmi skart fil-pajjiż destinatarju, u jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) u (b) fil-preambolu tal-lista l-ħadra.

3) Fil-każ ta' kombinazzjonijiet ta' diversi sustanzi fil-lista l-ħadra tar-Regolament Nru 259/93, kif emendat bir-Regolament Nru 2557/2001 mhuwiex neċessarju li dawn is-sustanzi jiġu ttrasportati jew offruti separatament sabiex is-sistema tal-lista l-ħadra tkun applikabbli għall-vjaġġ bil-baħar tagħhom".